# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 10 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Abdal Aziz Babiken**
**Abdal Salam Ramadan Abdo**
**Cidong Wal Totor**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Abdal Aziz Babiken**, imwieled nhar il-15/07/1997 gewwa Darfur ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Babiken u Hawaja Mohammed detentur tan-numru tal-Pulizija 19K-067 residenti gewwa 57, Triq is-Serkien, il-Marsa;

**Abdal Salam Ramadan Abdo**, imwieled nhar il-04/02/2000 gewwa Darfur ta' Nazzjonalita Sudaniza, iben Ramadan u Mariam detentur tan-numru tal-pulizija 20H-016; u

**Chidong Wal Totor**, imwieled nhar il-01/05/1999 gewwa Rubkona, Bentiu ta' Nazzjonalita South Sudaniza, iben Wal u Jny detentur tan-numru tal-Pulizija 19J-003.

Akkuzati talli fid- 9 ta' Mejju 2021, u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

Kellhom f'idejhom passaporti, maħruġa minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxew dawn il-passaporti lil persuni oħra jew irċevew passaporti li ġew ittrasferiti lilhom minn persuni oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu użu jew ittantaw li jagħmlu użu minn Passaporti maħruġa lil persuni oħra, cioé dawk diġa imsemmi (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taw prospetti foloz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta);

U lil **Abdal Salam Ramadan** akkuzat ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza definittiva mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali ta' kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti,

Wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abdal Aziz Babiken** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

Wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Cidong Wal Totor** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett (3) xhur prigunerija.

Wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Abdal Salam Ramadan Abdo** hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah disa' xhur (9) prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**